# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR JEAN PAUL GRECH**
B.A., LL.D, M.Juris. (INT. LAW), Adv. Trib. Eccl. Melit.

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2023

**Kawża Numru: 28/2022 (JPG)**

**Gasan Mamo Insurance Limtied (C 5030) flimkien mal-aġenta tagħha Thomas Smith Insurance Agency Limited (C 5637) flimkien mal-assigurat tagħhom Maria Concetta Gough**

**–vs–**

**Mark Cauchi Bellotti**

- **PRELIMINARI**

**It-Tribunal;**

**Ra** l-avviż tat-talba preżentat mill-atturi fit-tnejn (2) ta' Marzu 2023 fejn l-atturi ppremettew:-

> *«Għid int konvenut għaliex dan it-Tribunal ma għandux jikkundannak tħallas l-ammont ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) oltre l-interessi relattivi b'effett mill-25 ta' Ottubru 2022, id-data li fiha ġiet innotifikata l-ittra*

> *uffiċjali numru 658/2022 rappreżentanti danni sofferti mir-rikorrenti per konsegwenza tal-okkazzjoni* [sic] *li seħħet fit-2 ta' April 2022 fi Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħaq meta l-intimat volontarjament ikkaġuna ħsarat lill-vettura HBR 475 propjetà ta' Gough u assikurata mal-mittenti l-oħra.*
>
> *Bl-ispejjeż ġudizzjarji inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 658/2022 tal-25 ta' Ottubru 2022 diġà spedita mill-atturi lill-istess intimat u tal-ittri interpellatorji tat-8 ta' Awissu 2022 u 12 ta' Settembru 2022 rispettivament u l-ittra mibgħuta lil[l-]Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Mejju 2022 u lid-Data Protection Commissioner fl-24 ta' Mejju 2022.»*

**Ra** illi l-intimat għalkemm debitament notifikat la ppreżenta risposta u lanqas deher għall-ewwel seduta wara li ġie notifikat bl-atti sabiex jikkontesta t-talba u għalhekk huwa kien kontumaċi f'dawn il-proċeduri;

**Ra** l-affidavit ta' Kevin Borg Degiorgio, Claims Manager ma' Thomas Smith Insurance Agency Limited u d-dokumenti kollha preżentati mal-Avviż tat-Talba;

**Ra** li fis-seduta tat-tlettax (13) ta' April 2023 ġew preżentati kapitoli fil-konfront tal-intimat;

**Ra** li l-istess intimat imsejjaħ tliet (3) darbiet naqas li jattendi għall-udjenza tal-lum, għal liema data kienet ġiet differita din il-kawża wara li ġew preżentati l-kapitoli;

It-Tribunal għalhekk, wara illi ġie imsejjaħ tliet (3) darbiet il-konvenut, fetaħ il-kapitoli, iddikjara l-istess kapitoli

ammessi u għalhekk jiddeċiedi l-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi hekk kif kontenuti fl-avviż tat-talba.

- **DECIDE:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-atturi l-ammont ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) bl-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena dekorribbli mid-data tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż tal-preżenti istanza inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 658/2022, tal-ittri interpellatorji tat-8 ta' Awwissu 2022 u tat-12 ta' Settembru 2022 spediti lill-intimat kif wkoll l-ittri mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Mejju 2022 u lill-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data għandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat.

**(ft.) Dr Jean Paul Grech**
***Ġudikant***

**(ft.) John Vella**
***D/Reġistratur***

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**